TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/33/22/S

Christopher Copperstone

vs

TGFM Investments Ltd

Illum 23 ta' Novembru, 2023.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Christopher Copperstone ippreżentata fit-8 ta'Marzu, 2022 u r-risposta tas-soċjeta' TGFM Investments Ltd ippreżentata fit-22 ta' April 2022.

Ra id-dokumenti ppreżentati u sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni magħmula fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ordni ta' bibien minn *website* mingħand is-soċjeta' intimata li ukoll bgħatet wieħed li jinstalla dawn l-imsemmija bibien u kien ħa ukoll il-qisien tal-post tar-rikorrenti li kien għadu ġebel u saqaf.

Illi f'ordni ta' bibien partikolarment bħal dik odjerna tal-ħġieġ, għandu jkun hemm attenzjoni żejda biex wieħed jara illi il-qisien ikunu dawk korretti minħabba li tali bieb tal-ħġieġ ma jistax jinqata' biex jidħol fil-post inkwistjoni.

Illi ir-rikorrenti apparti il-problema tal-bieb tat-tip Zaira, hemm ukoll xi affarijiet oħra li għadhom ma ġewx konsenjati mis-soċjeta' intimata. Min-naħa tiegħu ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata ikkontenda illi l-ordni ittieħdet bi qbil mar-rikorrenti.

Illi in oltre dan, is-soċjeta' intimata ikkontendiet ukoll li il-bibien damu ma twaħħlu minħabba li r-rikorrenti kellu diversi dewmien ta' xogħol fuq il-post tiegħu u kellhom jinżammu mingħajr ħlas ġewwa maħżen tas-soċjeta' intimata.

Illi min-naħa l-oħra it-Tribunal huwa tal-fehma illi hija responsabbilta' ta' min ikun qiegħed ibiegħ li jaghmel ċert li l-għażla tal-prodott hija dik li effettivament irid il-konsumatur partikolarment bħal fil-każ odjern fejn il-post in kwistjoni kien għadu ġebel u saqaf u għalhekk kien hemm bzonn ta' iktar attenzjoni li qisien ta' bibien ikunu korretti gjaladarba ma jistgħux jiċċekknu.

Illi gjaladarba kienet is-socjeta intimata li bagħatet min installa l-bibien, kienet ir-responsabbilta' tal-istess soċjeta' li tara illi kwalunkwe oġġett ordnat mir-rikorrenti kien adatt għall-post in kwistjoni u fin-nuqqas, kien l-obbligu tas-soċjeta' intimata li tgħati parir lir-rikorrenti illi dak il-prodott ma kienx adatt għall-post jew inkella tgħatiħ struzzjonijiet dwar xi jrid jagħmel biex dak il-prodott magħżul jista' jitpoġġa f'postu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* it-talba ta' Christopher Copperstone filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' TGFM Investments Ltd, b'dan illi Jordna li s-soċjeta' intimata tirrifondi lura lir-rikorrenti is-somma ta' €390, rappreżentanti l-prezz imħallas għal bieb magħruf tat-tip Zaira, filwaqt li fir-rigward tal-oġġetti l-oħra li għadhom ma ġewx konsenjati, it-Tribunal jordna li dawn għadhom jiġu konsenjati mis-soċjeta' intimata lir-rikorrenti fi żmien ġimgħatejn mid-data ta' din is-sentenza, u fin-nuqqas l-istess ammont ta' dawn l-oġġetti għandu jiġi

rifuż lir-rikorrenti. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu nofs b'nofs bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru